# L-Ewwel Ħadd tar-Randan

## Qari I

***Alla jeħles lil Noè mid-dulluvju u jagħmel patt miegħu.***

Ġen 9, 8-15

**Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi**

8Alla kellem lil Noè u lil uliedu miegħu u qalilhom: 9«Arawni, hawn
jien se nagħmel il-patt tiegħi magħkom u ma' nisilkom warajkom;
10ma' kull ħliqa ħajja li hemm magħkom, mat-tjur u mal-bhejjem,
ma' kull bhima selvaġġa li hemm magħkom, u mal-bhejjem kollha li
ħarġu magħkom mill-arka. 11Jien nagħmel il-patt tiegħi magħkom, li
qatt iżjed ma jinqered, ebda laħam ħaj, bl-ilmijiet tad-dilluvju; u qatt
iżjed ma jkun hemm dilluvju biex iħarbat l-art.»

12U żied jgħid Alla: «Dan ikun is-sinjal tal-patt li jien qiegħed
nagħmel bejni u bejnkom, u bejn kull ħliqa ħajja li hemm magħkom,
għall-ġenerazzjonijiet kollha għal dejjem. 13Inqiegħed il-qaws tiegħi
fis-sħab, u jkun sinjal tal-patt bejni u bejn l-art. 14Meta niġma' s-sħab
fuq l-art u tfeġġ il-qawsalla fis-sħab, 15jien niftakar fil-patt bejni u
bejnkom u bejn kull ruħ ħajja f'kull laħam; u ma jkunx hemm iżjed
l-ilma tad-dilluvju biex jeqred kull laħam ħaj.»

**Il-Kelma tal-Mulej**

℟. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 24 (25), 4-5ab.6-7bċ.8-9

R/. (10): Il-mogħdijiet tal-Mulej kollhom tjieba u fedeltà

4 Triqatek, Mulej, għarrafni,
il-mogħdijiet tiegħek għallimni.
5 Mexxini fis-sewwa tiegħek u għallimni,
għax int Alla tas-salvazzjoni tiegħi. R/.

6 Ftakar fil-ħniena u t-tjieba tiegħek,
għax huma minn dejjem, Mulej.
7 Inti tajjeb, Mulej;
ftakar fija skont it-tjieba tiegħek. R/.

8 Tajjeb u sewwa l-Mulej;
għalhekk juri triqtu lill-ħatja.
9 Imexxi l-imsejkna fis-sewwa,
jgħallem lill-fqajrin it-triq tiegħu. R/.

# Qari II

*L-ilma tal-magħmudija jsalva lilkom ukoll.*

1 Piet 3, 18-22

**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pietru Appostlu**

Għeżież, [18]Kristu wkoll miet darba għal dejjem minħabba d-dnubiet;
hu li kien ġust, miet għall-inġusti biex iressaqkom lejn Alla; kien
mogħti l-mewt fil-ġisem, imma ħa l-ħajja fl-ispirtu, [19]li bih mar
ixandar is-salvazzjoni lill-erwieħ li kienu magħluqa fil-ħabs. [20]Dawn
kienu l-erwieħ ta' dawk li darba ma ridux jisimgħu, meta Alla
qagħad jistenna bis-sabar fiż-żmien li Noè kien jibni l-arka. Ftit,
jiġifieri tmienja biss, salvaw bis-saħħa tal-ilma.

[21]Dan l-ilma huwa tixbiha tal-magħmudija, li issa ssalva lilkom ukoll.
Mhux għax tnaddaf il-ħmieġ tal-ġisem, imma għax hi talba lil Alla
ħierġa minn kuxjenza safja bis-saħħa tal-qawmien ta' Ġesù Kristu,
[22]li tela' s-sema u qiegħed fuq il-lemin ta' Alla u għandu taħtu
s-Setgħat u l-Qawwiet tal-anġli.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamakzzjoni qabel l-Evanġelju

Mt 4, 4b

Glorja u tifħir lilek, Kristu!
Il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix,
iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla.
R/. Glorja u tifħir lilek, Kristu!

# Evanġelju

***Kien imġarrab mix-xitan, u l-anġli kienu jaqduh.***

Mk 1, 12-15

## ✠ Qari mill-Evanġelju skont San Mark

F'dak iż-żmien,[12]l-Ispirtu ħareġ lil Ġesù fid-deżert.[13]U baqa' fid-deżert erbgħin jum, jiġġarrab mix-Xitan. Kien jgħix mal-bhejjem selvaġġi, u kienu jaqduh l-anġli.

[14]Wara li arrestaw lil Ġwanni, Ġesù mar il-Galilija jxandar l-Evanġelju ta' Alla [15]u jgħid: «Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet; indmu u emmnu fl-Evanġelju.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

# It-Tieni Ħadd tar-Randan

## Qari I

*Is-sagrifiċċju ta' missierna Abraham.*

Ġen 22, 1-2.9a.10-13.15-18

**Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi**

F'dak iż-żmien, [1]Alla ried iġarrab lil Abraham u qallu: «Abraham!»
U hu wieġbu: «Hawn jien!» [2]U qallu: «Aqbad lil ibnek il-waħdieni,
li inti tħobb, lil Iżakk; u mur lejn l-art ta' Morija, u hemm offrih
b'sagrifiċċju tal-ħruq fuq waħda mill-għoljiet li jien se ngħidlek.»

[9]U waslu fil-post li kien semmielu Alla. [10]U Abraham medd idu u
qabad is-sikkina biex joqtol lil ibnu. [11]U sejjaħlu l-anġlu tal-Mulej
mis-smewwiet u qallu: «Abraham, Abraham!» U dan wieġbu: «Hawn
jien.» U qallu:[12]«La tmiddx idek fuq iż-żagħżugħ u tagħmillu ebda
ħsara; għax issa naf li inti tibża' minn Alla, u ma ċaħħadtnix minn
ibnek il-waħdieni.»

[13]U Abraham rafa' għajnejh, ta ħarsa madwaru, u ra muntun warajh
maqbud minn qrunu fil-friegħi. U Abraham mar u qabad il-muntun,
u offrieh b'sagrifiċċju tal-ħruq minflok ibnu.

[15]U għat-tieni darba l-anġlu tal-Mulej sejjaħ lil Abraham
mis-smewwiet [16]u qallu: «Naħlef fuq ruħi - oraklu tal-Mulej - la darba
int għamilt ħaġa bħal din, u ma ċaħħadtnix minn ibnek il-waħdieni,
[17]jien imbierkek żgur u nkattarlek sewwa lil nislek bħall-kwiekeb
tas-sema u bħar-ramel f'xatt il-baħar; u nislek għad jiret bwieb
l-għedewwa tiegħu. [18]U jitbierku b'nislek il-ġnus kollha tal-art talli
smajt minn kelmti.»

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 115 (116), 10.15-19

R/. (9): Jien nimxi quddiem il-Mulej f'art il-ħajjin

10 Bqajt nemmen, imqar meta għedt:
«Jien imdejjaq ħafna!»
15 Għażiża f'għajnejn il-Mulej
hi l-mewt tal-ħbieb tiegħu. R/.

16 Iva, Mulej, jien qaddej tiegħek,
jien qaddej tiegħek, bin il-qaddejja tiegħek.
Int ħallejtli l-irbit tiegħi.
17 Lilek noffri sagrifiċċju ta' radd il-ħajr,
u isem il-Mulej insejjaħ. R/.

18 Intemm lill-Mulej il-wegħdiet tiegħi,
quddiem il-poplu tiegħu kollu,
19 fil-btieħi ta' dar il-Mulej,
ġo nofsok, Ġerusalemm! R/.

# Qari II

***Alla lanqas lil ibnu stess ma ħafirha.***

Rum 8, 31b-34

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani**

Ħuti, [31]jekk Alla hu magħna min jista' jkun kontra tagħna? [32]Hu,
li lanqas lil Ibnu stess ma ħafirha, imma tah għalina lkoll, kif ma
jagħtiniex ukoll kollox miegħu?

[33]Min se jakkuża l-magħżulin ta' Alla? Alla stess hu dak li
jiġġustifikahom. [34]Min se jikkundannahom? Kristu Ġesù li miet, jew
aħjar, li qam mill-imwiet, jinsab fuq il-lemin ta' Alla, hu li jidħol
għalina.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

ara Mk 9, 7

Glorja u tifħir lilek, Kristu!
Minn ġos-sħaba kollha dawl instama' leħen il-Missier jgħid:
«Dan hu Ibni l-għażiż, li fih sibt l-għaxqa tiegħi, isimgħu lilu.»
R/. Glorja u tifħir lilek, Kristu!

# Evanġelju

*Dan hu Ibni l-għażiż.*

Mk 9, 2-10

**✠ Qari mill-Evanġelju skont San Mark**

F'dak iż-żmien, 2Ġesù ħa miegħu lil Pietru u lil Ġakbu u lil Ġwanni,
tellagħhom weħidhom fuq muntanja għolja, u tbiddel quddiemhom.
3Ilbiesu sar abjad u jgħammex b'dija tal-għaġeb: ebda ħassiel
fid-dinja ma jista' jġib il-ħwejjeġ bojod daqshekk. 4U dehrilhom
Elija ma' Mosè, jitkellmu ma' Ġesù.

5Qabad Pietru u qal lil Ġesù: «Mgħallem, kemm hu sew li aħna hawn!
Ħa ntellgħu tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè, u waħda
għal Elija.» 6Dan qalu għax ma kienx jaf x'jaqbad jgħid bil-biża' kbir li
waqa' fuqhom.

7Imbagħad ġiet sħaba u għattiethom, u minn ġos-sħaba nstama' leħen
jgħid: «Dan hu Ibni l-għażiż, isimgħu lilu.» 8Minnufih taw ħarsa
madwarhom, u ma raw lil ħadd iżjed magħhom ħlief lil Ġesù waħdu.

9Huma u neżlin minn fuq il-muntanja, tahom ordni biex ma jitkellmu
ma' ħadd fuq li kienu raw qabel ma Bin il-bniedem ikun qam
mill-imwiet. 10Huma żammew kollox moħbi, iżda bdew jistaqsu
lil xulxin x'kien ifisser tqum mill-imwiet.

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Tifħir lilek Kristu

# It-Tielet Ħadd tar-Randan

## Qari I

*Il-Liġi ngħatat permezz ta' Mosè.*

Eż 20, 1-17

**Qari mill-Ktieb tal-Eżodu**

F'dak iż-żmien, [1]Alla tkellem u qal dan kollu lill-poplu: [2]«Jiena hu
l-Mulej, Alla tiegħek, li ħriġtek mill-art tal-Eġittu, minn dar il-jasar.
[3]Ma jkollokx allat oħra għajri.

[4]La tagħmilx għalik suriet minquxa u ebda xbieha ta' ebda ħaġa li
hemm fl-għoli tas-sema, jew isfel fl-art, jew fil-baħar taħt l-art. [5]La
tmilx quddiemhom: la tadurahomx għaliex jiena hu l-Mulej Alla
tiegħek, Alla għajjur, li npatti l-ħażen tal-missirijiet fuq l-ulied
sat-tielet u r-raba' ġenerazzjoni lil dawk li jobogħduni; [6]imma
nagħder sal-elf nisel lil min iħobbni u jżomm il-kmadamenti tiegħi.

[7]La ssemmix l-isem tal-Mulej, Alla tiegħek, fix-xejn: għaliex lil min
isemmi l-isem tiegħu fix-xejn, il-Mulej ma jħallihx bla kastig. [8]Ftakar
f'jum is-Sibt u qaddsu.

[9]Sitt ijiem taħdem u tagħmel kull ma għandek tagħmel; [10]imma
s-seba' jum hu jum il-mistrieħ f'ġieħ il-Mulej, Alla tiegħek. Dan il-jum
ma tagħmel ebda xogħol, int, ibnek, il-qaddej u l-qaddejja tiegħek,
il-bhejjem tiegħek, u l-barrani li jkun ġewwa bwiebek. [11]Għax f'sitt
ijiem il-Mulej għamel is-smewwiet u l-art; il-baħar u kull ma hemm
fihom, u strieħ fis-seba' jum. Għalhekk il-Mulej bierek is-seba' jum u
qaddsu.

[12]Weġġaħ lil missierek u lil ommok, sabiex jitkattru jiemek fuq l-art li l-Mulej, Alla tiegħek, jagħtik.

[13]La toqtolx.
[14]La tagħmilx adulterju.
[15]La tisraqx.
[16]La tagħtix xhieda giddieba kontra għajrek.
[17]La tixtieqx dar għajrek: la tixtieqx il-mara ta' għajrek, il-qaddej jew il-qaddejja tiegħu, l-għoġol jew il-ħmar tiegħu, u xejn minn kull ma għandu għajrek.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

*Jew il-forma l-qasira*

## Qari I

***Il-Liġi ngħatat permezz ta' Mosè.***

Eż 20, 1-3.7-8.12-17

**Qari mill-Ktieb tal-Eżodu**

F'dak iż-żmien, [1]Alla tkellem u qal dan kollu lill-poplu: [2]«Jiena hu
l-Mulej, Alla tiegħek, li ħriġtek mill-art tal-Eġittu, minn dar il-jasar.
[3]Ma jkollokx allat oħra għajri.

[7]La ssemmix l-isem tal-Mulej, Alla tiegħek, fix-xejn: għaliex lil min
isemmi l-isem tiegħu fix-xejn, il-Mulej ma jħallihx bla kastig. [8]Ftakar
f'jum is-Sibt u qaddsu.

[12]Weġġaħ lil missierek u lil ommok, sabiex jitkattru jiemek fuq l-art li l-Mulej, Alla tiegħek, jagħtik.

[13]La toqtolx.
[14]La tagħmilx adulterju.
[15]La tisraqx.
[16]La tagħtix xhieda giddieba kontra għajrek.
[17]La tixtieqx dar għajrek: la tixtieqx il-mara ta' għajrek, il-qaddej jew il-qaddejja tiegħu, l-għoġol jew il-ħmar tiegħu, u xejn minn kull ma għandu għajrek.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 18 (19), 8.9.10.11

R/. (Ġw 6, 68ċ): Mulej, int għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem

8 Il-liġi tal-Mulej perfetta,
u tagħti l-ħajja;
ix-xhieda tal-Mulej hi sewwa,
u tgħallem lil min ma jafx. R/.

9 Il-preċetti tal-Mulej dritti,
u jferrħu l-qalb;
il-kmadament tal-Mulej safi,
u jdawwal l-għajnejn. R/.

10 Il-biża' tal-Mulej sinċier,
u jibqa' għal dejjem;
il-ġudizzji tal-Mulej sewwa,
u mseddqa għal kollox. R/.

11 Huma egħżeż mid-deheb,
mid-deheb l-aktar fin,
oħla mill-għasel
u mill-qtar tax-xehda. R/.

# Qari II

*Aħna nxandru 'l Kristu msallab.*

1 Kor 1, 22-25

**Qari mill-Ewwel ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin**

Ħuti, [22]il-Lhud jitolbu s-sinjali, u l-Griegi jfittxu l-għerf, [23]imma aħna
nxandru 'l Kristu msallab, skandlu għal-Lhud u bluha għall-Griegi;
[24]iżda għal dawk li huma msejħin, sew Lhud sew Griegi, Kristu huwa
l-qawwa ta' Alla u l-għerf ta' Alla.

[25]Għax il-bluha ta' Alla hija għarfa iktar mill-bnedmin, u d-dgħufija
ta' Alla hija aqwa mill-bnedmin.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Ġw 3, 16

Glorja u tifħir lilek, Kristu!
Alla hekk ħabb lid-dinja
li ta lil Ibnu l-waħdieni,
biex kull min jemmen fih ikollu l-ħajja ta' dejjem.
℟. Glorja u tifħir lilek, Kristu!

# Evanġelju

***Ħottu dan it-tempju, u fi tlitt ijiem nerġa' ntellgħu.***

Ġw 2, 13-25

## ✠ Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann

[13]Kien qorob l-Għid tal-Lhud, u Ġesù tela' Ġerusalemm.
[14]Fit-tempju sab min qiegħed ibigħ barrin, nagħaġ u ħamiem, u min
kien bilqiegħda jsarraf il-flus. [15]Għamel sawt mill-ħbula, u keċċiehom
ilkoll 'il barra mit-tempju, bin-nagħaġ u l-barrin tagħhom; xerred
il-flus ta' dawk li kien jsarrfu, u qalbilhom l-imwejjed. [16]U
lill-bejjiegħa tal-ħamiem qalilhom: «Warrbu dawn minn hawn,
u dar Missieri tagħmluhiex dar tan-negozju!» [17]Id-dixxipli ftakru
f'dak li kien hemm miktub fl-Iskrittura: «Il-ħeġġa għal darek fnietni.»

[18]Imbagħad il-Lhud qabdu u qalulu: «X'sinjal se turina li inti tista'
tagħmel dan?» [19]Ġesù weġibhom: «Ħottu dan it-tempju, u fi tlitt ijiem
jien nerġa'ntellgħu.» [20]Għalhekk il-Lhud qalulu: «Dan it-tempju ħa
sitta u erbgħin sena biex inbena, u int se ttellgħu fi tlitt ijiem?»
[21]Iżda hu tkellem fuq it-tempju tal-ġisem tiegħu.

[22]Meta mbagħad qam mill-imwiet, id-dixxipli tiegħu ftakru f'dak
li kien qal, u emmnu fl-Iskrittura u fil-kliem li kien qal Ġesù.

[23]Waqt li kien Ġerusalemm għall-festa tal-Għid, kien hemm ħafna li
emmnu f'ismu billi raw is-sinjali li kien jagħmel. [24]Imma Ġesù,
min-naħa tiegħu, ma kienx jafda fihom, għax hu kien jaf lil kulħadd
[25]u ma kellux bżonn min jagħtih xhieda fuq il-bniedem, għax hu stess
kien jaf x'hemm fil-bniedem.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

# Ir-Raba' Ħadd tar-Randan

## Qari I

***Il-jasar u l-ħelsien tal-poplu huma sinjal tal-korla u l-ħniena tal-Mulej.***

2 Kron 36, 14-16.19-23

**Qari mit-Tieni Ktieb tal-Kronaki**

F'dak iż-żmien, [14]il-kbarat kollha tal-qassisin u l-poplu komplew
jidinbu u jagħmlu l-qżiżijiet kollha tal-ġnus, u niġġsu t-tempju
tal-Mulej li hu kien qaddes f'Ġerusalemm.

[15]U billi ġietu ħasra mill-poplu tiegħu, u mill-għamara tiegħu,
il-Mulej, Alla ta' missirijiethom, kien ta' sikwit jibgħat iwiddibhom
bil-messaġġiera tiegħu. [16]Iżda huma kienu jiddieħku bil-mibgħutin
tiegħu, imaqdru kliemu, u jkasbru l-profeti tiegħu, sa ma
saħnet il-korla tal-Mulej għall-poplu tiegħu, hekk li ma setgħux
jeħilsuha aktar. [19]U ħarqulhom it-tempju ta' Alla, ġarrfu s-swar ta'
Ġerusalemm, taw in-nar lill-palazzi kollha tagħha, u hekk qerdulha
kull ma kellha prezzjuż.

[20]U dawk li ħelsu mill-qerda tax-xabla, Nabukodonosor eżiljahom
lejn il-Babilonja, u baqgħu suġġetti għalih u għal uliedu, sa ma ġew
jaħkmu fuqhom il-Persjani. [21]Hekk seħħ dak li qal Alla b'fomm
Ġeremija: «Sakemm tgawdi l-art il-mistrieħ ta' Sibtijietha, ma
tinħadimx l-art iż-żmien kollu tal-ħerba tagħha, sa ma jgħaddu
sebgħin sena.»

[22]Fl-ewwel sena ta' Ċiru, sultan tal-Persja, biex isseħħ il-kelma
tal-Mulej li kienet intqalet b'fomm Ġeremija, il-Mulej qanqal lil Ċiru,
sultan tal-Persja, u dan xandar proklama fis-saltna tiegħu kollha,
saħansitra bil-miktub, li kienet tgħid: [23]«Dan jgħid Ċiru sultan
tal-Persja: "Il-Mulej, Alla tas-sema, tani f'idejja s-saltniet kollha tal-
art, u hu qabbadni nibnilu tempju f'Ġerusalemm, li hi f'Ġuda. Kull
min minnkom hu mill-poplu tiegħu, ħa jkun il-Mulej miegħu, u
jitla'."»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

136 (137), 1-2.3.4-5.6

R/. (6a): Jeħilli lsieni mas-saqaf ta' ħalqi,
jekk ma niftakarx fik, Ġerusalemm!

[1]F'xatt ix-xmajjar ta' Babilonja,
hemm qgħadna bilqiegħda u bkejna,
aħna u niftakru f'Sijon.
[2]Mas-siġar tal-luq tagħha,
dendilna ċ-ċetri tagħna. R/.

[3]Għax hemm, dawk li ijassruna,
talbuna ngħannulhom xi għanja;
dawk li hemm għakksuna
stennew minna għana ta' ferħ:
«Għannulna mill-għana ta' Sijon.» R/.

4 Kif nistgħu ngħannu l-għana tal-Mulej
f'art barranija?
5 Tibbiesli idi l-leminija,
jekk qatt ninsa lilek, Ġerusalemm! R/.

6 Jeħilli lsieni mas-saqaf ta' ħalqi,
jekk ma niftakarx fik,
jekk ma nżommx 'il Ġerusalemm
'il fuq minn kull ferħ tiegħi! R/.

## Qari II

***Kontu mejta minħabba fid-dnubiet, u bi grazzja intom salvi.***

Ef 2, 4-10

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesin**

Ħuti, 4 Alla, għani fil-ħniena tiegħu, bis-saħħa tal-imħabba kbira li
biha ħabbna, 5 meta aħna konna mejta minħabba fi dnubietna, tana
ħajja ġdida flimkien ma' Kristu - bi grazzja intom salvi.

6 Qajjimna miegħu u qegħedna fis-smewwiet ma' Kristu Ġesù,
7 biex juri fiż-żminijiet li ġejjin l-għana bla qjies tal-grazzja tiegħu
bit-tjieba li wera magħna fi Kristu Ġesù.

8 Intom salvi bil-grazzja, permezz tal-fidi; u dan mhux bis-saħħa
tagħkom, imma b'don ta' Alla; 9 mhux bl-opri, biex ħadd ma jiftaħar.
10 Aħna ħolqien tiegħu, maħluqa fi Kristu Ġesù biex nagħmlu l-opri
tajba li Alla ħejjielna minn qabel li għandna nagħmlu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Ġw 3, 16

Glorja u tifħir lilek, Kristu!
Alla hekk ħabb lid-dinja
li ta lil Ibnu l-waħdieni,
biex kull min jemmen fih ikollu l-ħajja ta' dejjem.
R/. Glorja u tifħir lilek, Kristu!

# Evanġelju

***Alla bagħat lil Ibnu fid-dinja biex bih hija ssalva.***

Ġw 3, 14-21

**✠ Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann**

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lil Nikodemu: [14]«Kif Mosè rafa' s-serp
fid-deżert, hekk jeħtieġ li jkun merfugħ Bin il-bniedem,[15]biex kull
min jemmen fih ikollu l-ħajja ta' dejjem.

[16]Għax Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min
jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem.[17]Għax Alla ma
bagħatx lil Ibnu fid-dinja biex jagħmel ħaqq mid-dinja, imma biex
id-dinja ssalva permezz tiegħu.[18]Min jemmen fih ma jkunx
ikkundannat; iżda min ma jemminx huwa ġa kkundannat, għax
ma emminx fl-isem tal-Iben il-waħdieni ta' Alla.

[19]U l-ġudizzju huwa dan: li d-dawl ġie fid-dinja, imma l-bnedmin
ħabbew id-dlam aktar mid-dawl, għax l-għemil tagħhom kien ħażin.
[20]Għax kull min jagħmel il-ħażen jobgħod id-dawl, u ma jersaqx lejn
id-dawl, biex għemilu ma jinkixifx.[21]Imma min jagħmel is-sewwa
jersaq lejn id-dawl, biex juri li hemm Alla f'għemilu.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

# Il-Ħames Ħadd tar-Randan

## Qari I

*Nagħmel patt ġdid, u l-ħtijiet ma niftakarhomx iżjed.*

Ġer 31, 31-34

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġeremija**

31 Araw, għad jiġi żmien,
oraklu tal-Mulej,
meta jien nagħmel patt ġdid ma' dar Iżrael u dar Ġuda;
32 mhux bħall-patt li għamilt ma' missirijiethom
fiż-żmien meta qbadthom minn idejhom
biex ħriġthom mill-art tal-Eġittu, il-patt tiegħi li huma kisru,
għalkemm jien kont l-għarus tagħhom,
oraklu tal-Mulej.

33 Imma dan ikun il-patt li għad nagħmel ma' dar Iżrael
wara dawk il-jiem,
oraklu tal-Mulej.
Inqiegħed il-liġi tiegħi fosthom u niktibha f'qalbhom;
u jiena nkun Alla tagħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħi.
34 Ma jgħallmux iżjed lil xulxin,
u ħadd ma jgħid lil ħuh: «Agħraf il-Mulej»,
għaliex ilkoll kemm huma jkunu jafuni, miż-żgħir sal-kbir,
oraklu tal-Mulej.
Għax jien naħfrilhom ħżunithom,
u ħtijiethom ma niftakarhomx aktar.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 50 (51), 3-4.12-13.14-15

R/. (12a): Oħloq fija qalb safja, o Alla

3 Ikollok ħniena minni, o Alla, fi tjubitek;
fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti.
4 Aħsilni kollni mill-ħtija tiegħi;
naddafni mid-dnub tiegħi. R/.

12 Oħloq fija qalb safja, o Alla,
u spirtu qawwi ġedded fija.
13 La twarrabnix minn quddiemek,
tneħħix minni l-ispirtu qaddis tiegħek. R/.

14 Roddli l-hena tas-salvazzjoni tiegħek,
u bi spirtu qalbieni wettaqni.
15 Lill-midinbin ngħallem triqatek,
u l-ħatjin jerġgħu lura lejk. R/.

## Qari II

*Kristu sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem.*

Lhud 5, 7-9

**Qari mill-Ittra lil-Lhud**

7 Meta kien jgħix fuq din l-art, Kristu offra talb u suppliki b'leħen
għoli u bid-dmugħ lil dak li seta' jsalvah mill-mewt. U kien mismugħ
minħabba fil-qima tiegħu lejn Alla. 8 Għad li kien Iben, tgħallem
minn dak li bata xi tfisser l-ubbidjenza. 9 U, billi laħaq il-perfezzjoni,
sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem għal kull min jisma' minnu.

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Ġw 12, 26

Glorja u tifħir lilek, Kristu!
Jekk xi ħadd irid jaqdini, hu għandu jimxi warajja;
u fejn inkun jien, hemm ukoll ikun il-qaddej tiegħi.
R/. Glorja u tifħir lilek, Kristu!

## Evanġelju

*Jekk il-ħabba tal-qamħ, li taqa' fl-art, tmut hi tagħmel ħafna frott.*

Ġw 12, 20-33

**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann**

F'dak iż-żmien, [20]fost dawk li telgħu biex iqimu lil Alla fil-festa kien
hemm xi Griegi. [21]Dawn marru għand Filippu li kien minn Betsajda
tal-Galilija, u talbuh: «Sinjur, nixtiequ naraw lil Ġesù.»

[22]Filippu mar jgħid lil Indrì, u mbagħad Indrì u Filippu marru jgħidu
lil Ġesù. [23]U Ġesù weġibhom: «Waslet is-siegħa li fiha Bin il-bniedem
ikun igglorifikat. [24]Tassew tassew ngħidilkom, jekk il-ħabba tal-qamħ
ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha; imma jekk tmut, tagħmel
ħafna frott. [25]Min iħobb lil ħajtu jitlifha; imma min jobgħod lil ħajtu
f'din id-dinja jħarisha għall-ħajja ta' dejjem. [26]Jekk xi ħadd irid
jaqdini, hu għandu jimxi warajja, u fejn inkun jien, hemm ukoll ikun
il-qaddej tiegħi. Min jaqdi lili, il-Missier jagħtih ġieħ. [27]Issa qiegħed
inħoss ruħi mħawda. U x'naqbad ngħid? Missier, eħlisni minn din
is-siegħa? Imma jien għalhekk ġejt: għal din is-siegħa. [28]Missier, agħti
glorja lil ismek.»

Dak il-ħin instama' leħen mis-sema: «Jien diġà gglorifikajtu, u nerġa'
nigglorifikah.»

29In-nies li kienu hemm semgħuh, u qalu li kien qiegħed iriegħed.
Oħrajn qalu: «Kellmu xi anġlu.» 30Ġesù wieġeb: «Dan il-leħen ma ġiex
għalija, imma għalikom. 31Il-ġudizzju ta' din id-dinja qiegħed isir issa.
Issa se jitkeċċa l-Prinċep ta' din id-dinja. 32U meta nintrefa' 'l fuq
mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja».

33Hu qal dan biex jurihom b'liema mewt kien sejjer imut.

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Tifħir lilek Kristu

# Ħadd il-Palm
# u l-Passjoni tal-Mulej

**Tifkira tad-Daħla tal-Mulej f'Ġerusalemm**

## Evanġelju

*Imbierek min ġej f'isem il-Mulej.*

Mk 11, 1-10

**Qari mill-Evanġelju skont San Mark**

[1]Xħin waslu qrib Ġerusalemm, quddiem Betfaġe u Betanja, ħdejn
l-Għolja taż-Żebbuġ, Ġesù bagħat tnejn mid-dixxipli tiegħu [2]u
qalilhom: «Morru fir-raħal li hemm biswitkom, u kif taslu hemmhekk
issibu felu marbut li ħadd qatt għadu ma rikeb fuqu. Ħolluh u ġibuh.
[3]Jekk xi ħadd jistaqsikom, "Dan kif qegħdin tagħmluh?" għidulu,
"Il-Mulej jeħtieġu, u malajr jerġa' jibagħtu hawn."»

[4]Marru, u sabu felu marbut ħdejn bieb barra fit-triq; u ħallewh.
[5]Xi wħud minn dawk li kienu hemm qalulhom: «X'intom tħolluh
tagħmlu dak il-felu?» [6]Huma weġbuhom kif kien qalilhom Ġesù,
u dawk ħallewhom jagħmlu.

[7]Ħadu l-felu lil Ġesù, qiegħdu l-imnatar tagħhom fuq il-felu, u Ġesù
rikeb fuqu. [8]U bosta nies firxu fit-triq l-imnatar tagħhom, u oħrajn xi
friegħi ħodor li kienu qatgħu mill-għelieqi. [9]U kemm dawk li kienu
miexja quddiem u kemm dawk li kienu miexja wara, bdew jgħajtu:
«Hosanna! Imbierek min ġej f'isem il-Mulej! [10]Imbierka s-Saltna li
ġejja ta' David missierna. Hosanna fl-ogħla tas-smewwiet!»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

*Jew*

# Evanġelju

***Imbierek min ġej f'isem il-Mulej.***

Ġw 12, 12-16

## ✠ Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann

F'dak iż-żmien, [12]il-folol ta' nies li kienu ġew għall-festa, kif semgħu
li Ġesù kien ġej Ġerusalemm, [13]ħadu l-friegħi tal-palm u ħarġu
jilqgħuh. U bdew jgħajtu: «Hosanna! Imbierek min ġej f'isem
il-Mulej! Imbierek is-sultan ta' Iżrael!»

[14]Ġesù sab felu u rikeb fuqu, kif hemm miktub, [15]«Tibżax, bint Sijon!
Ara, ġej is-sultan tiegħek, riekeb fuq felu ta' ħmara.» [16]Għall-ewwel
id-dixxipli tiegħu ma fehmuhomx dawn il-ħwejjeġ; iżda meta Ġesù
kien igglorifikat, imbagħad ftakru li dan kien inkiteb fuqu, u hekk
għamlulu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Tifħir lilek Kristu

# Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej

**Il-Quddiesa**

## Qari I

***Ma ħbejtx wiċċi mit-tagħjir.***

Is 50, 4-7

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**

4 Sidi l-Mulej tani lsien ta' wieħed jitgħallem,
biex nagħraf ngħin lill-għajjien b'xi kelma.

Ta' kull filgħodu jqajjimli lil widinti,
biex nisma' bħal wieħed jitgħallem.
5 Sidi l-Mulej fetaħli widinti,
u jiena ma webbistx rasi,
ma rġajtx lura.

6 Tajt dahri lil dawk li kienu jsawtuni,
ħaddejja lil dawk li kien jnittfuli lħiti;
ma ħbejtx wiċċi mit-tagħjir u l-bżieq.

7 Sidi l-Mulej jgħinni,
għalhekk ma nitħawwadx;
għalhekk għamilt wiċċi bħaż-żnied:
jien naf li ma jkollix mniex nistħi.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 21 (22), 8-9.17-18a.19-20.23-24

R/. (2a): Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?

8 Dawk kollha li jarawni jidħku bija,
jgħajbuni, iħarrku rashom u jgħidu:
9 «F'idejn il-Mulej intelaq; ħa jeħilsu hu!
Ħa jsalvah hu, la bih jitgħaxxaq!» R/.

17 Qabda klieb daru għalija;
ġemgħa nies ħżiena rassewni.
Taqqbuli idejja u riġlejja;
18 nista' ngħodd għadmi kollu. R/.

19 Ħwejġi jaqsmu bejniethom,
jaqtgħu x-xorti għal-libsa tiegħi.
20 Mulej, la titbegħidx minni;
qawwa tiegħi, fittex għinni! R/.

23 Inxandar ismek lil ħuti;
infaħħrek f'nofs il-ġemgħa.
24 Faħħru l-Mulej, intom li tibżgħu minnu;
sebbħuh ilkoll, nisel Ġakobb!
ibżgħu minnu lkoll, ulied Iżrael! R/.

# Qari II

*Kristu ċekken lilu nnifsu; għalhekk Alla għollieh.*

Fil 2, 6-11

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Filippin**

Ġesù Kristu [6]li għad li kellu n-natura ta' Alla,
ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla,
[7]iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir,
sar jixbah lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem;
[8]ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt,
anzi sal-mewt tas-salib.

[9]Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet
u żejnu bl-isem li hu fuq kull isem,
[10]biex fl-isem ta' Ġesù
– fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art –
il-ħlejjaq kollha jinżlu għarkupptejhom,
[11]u kull ilsien jistqarr:
«Ġesù Kristu hu l-Mulej,»
għall-glorja ta' Alla l-Missier.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Fil 2, 8-9

Glorja u tifħir lilek, Kristu!
Minħabba fina Kristu obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib.
Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet,
u żejnu bl-isem li hu fuq kull isem.
℟. Glorja u tifħir lilek, Kristu!

# Evanġelju

Mk 14, 1 - 15, 47

## ✠ Il-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu skont San Mark

### I

K [14,1]Kien għad baqa' jumejn għall-Għid u għall-Ażżmi, u l-qassisin il-kbar u l-kittieba bdew ifittxu kif jaqbdu lil Ġesù bil-qerq ta' moħħhom u jagħtuh il-mewt. [2]Għax bdew jgħidu:

S «Mhux fil-festa, li ma tqumx xi rewwixta fil-poplu.»

K [3]Ġesù kien qiegħed jiekol għand Xmun il-lebbruż f'Betanja. Daħlet mara, b'vażett tal-alabastru biż-żejt ifuħ ta' nard pur, jiswa ħafna, kissret għonq il-vażett, u ferrgħet iż-żejt fuq ras Ġesù. [4]U kien hemm xi wħud li bdew jitmasħnu bejniethom u jgħidu:

S «Dal-ħala kollu ta' fwieħa għalfejn? [5]Dil-fwieħa setgħet iġġib aktar minn tliet mitt dinar u jingħataw lill-foqra.»

K U bdew jeħduha magħha. [6]Imma Ġesù qal:

✠ «Ħalluha; għala qegħdin iddejquha? Ħaġa tajba għamlet miegħi. [7]Il-foqra ssibuhom dejjem magħkom, u tistgħu tgħinuhom kull meta tridu. Imma lili mhux dejjem se ssibuni magħkom. [8]Hi għamlet li setgħet; dilkitli ġismi bil-fwieħa għad-difna minn qabel. [9]Tassew ngħidilkom, li kull fejn jixxandar l-Evanġelju fid-dinja kollha li għamlet din jingħad ukoll, b'tifkira tagħha.»

K [10]Imbagħad Ġuda l-Iskarjota, wieħed mit-Tnax, mar għand
il-qassisin il-kbar biex jagħtihom lil Ġesù f'idejhom. [11]Għal din
l-aħbar ferħu ħafna, u wegħduh li jagħtuh xi flus. U hu beda
jfittex il-waqt tajjeb biex jagħtihom lil Ġesù f'idejhom. [12]Fl-ewwel
jum tal-Ażżmi, meta kienu jissagrifikaw il-ħaruf tal-Għid,
id-dixxipli tiegħu qalulu:

S «Fejn tridna mmorru nħejju biex tiekol l-ikla tal-Għid?»

K [13]Imbagħad hu bagħat tnejn mid-dixxipli tiegħu u qalilhom:

✠ «Morru l-belt, u tiltaqgħu ma' raġel iġorr ġarra ilma. Morru
warajh, [14]u għidu lil sid id-dar ta' fejn tarawh dieħel, "Qallek
l-Imgħallem: Fejn hi l-kamra tiegħi li fiha nista' niekol l-ikla
tal-Għid mad-dixxipli tiegħi?" [15]U hu jurikhom kamra kbira fuq,
mgħammra u lesta. Ħejjulna hemmhekk.»

K [16]U d-dixxipli marru u daħlu fil-belt u sabu kollox kif kien
qalilhom hu; u ħejjew l-ikla tal-Għid.

[17]Għall-ħin ta' filgħaxija Ġesù ġie mat-Tnax. [18]U kif kienu fuq
il-mejda jieklu qal:

✠ «Tassew ngħidilkom, li wieħed minnkom se jittradini, wieħed
li qiegħed jiekol miegħi.»

K [19]Huma bdew isewdu qalbhom, u wieħed wara l-ieħor
staqsewh:

S «Jaqaw jien?»

K [20]Qalilhom:

✠ «Wieħed mit-Tnax, li qiegħed ibill il-ħobż fi platt wieħed miegħi. [21]Għax Bin il-bniedem imur, kif hemm miktub fuqu; imma ħażin għalih dak il-bniedem li permezz tiegħu Bin il-bniedem ikun mogħti f'idejn l-għedewwa! Kien ikun aħjar għalih dak il-bniedem li kieku ma twieled xejn!»

K [22]Huma u jieklu, ħa l-ħobż f'idejh, qal il-barka, qasmu, newwilhulhom u qal:

✠ «Ħudu, dan hu ġismi.»

K [23]Imbagħad ħa l-kalċi f'idejh, radd il-ħajr, u newwilhulhom, u lkoll xorbu minnu. [24]U qalilhom:

✠ «Dan huwa demmi, id-demm tal-patt, li jixxerred għal ħafna. [25]Tassew ngħidilkom, li ma nixrobx iżjed mill-frott tad-dielja sa dak in-nhar li nixrob inbid ġdid fis-Saltna ta' Alla.»

K [26]Imbagħad kantaw is-salmi u ħarġu lejn l-Għolja taż-Żebbuġ. [27]U Ġesù qalilhom:

✠ «Ilkoll se titħawdu, għax hu miktub: "Nidrob ir-ragħaj, u n-nagħaġ jitferrxu". [28]Imma wara li nqum mill-mewt, immur il-Galilija qabilkom.»

K [29]Qallu Pietru:

S «Ukoll jekk jitfixkel kulħadd, jiena ma nitfixkilx.»

K [30]Qallu Ġesù:

✠ «Tassew ngħidlek, li llum, dal-lejl stess, qabel ma s-serduk ikun
idden darbtejn, int tkun ġa ċħadtni tliet darbiet.»

K [31]Iżda Pietru tenna bil-qawwa kollha:

S «Le, ma niċħdekx, anqas jekk ikolli mmut miegħek!»

K U l-oħrajn ukoll, kollha qalu l-istess. [32]Waslu f'qasam jismu
Ġetsemani, u qal lid-dixxipli tiegħu:

✠ «Oqogħdu bilqiegħda hawn sakemm nitlob.»

K [33]U ħa miegħu lil Pietru u lil Ġakbu u lil Ġwanni, u bdew
jaħkmuh il-biża' u d-dwejjaq. [34]Qalilhom:

✠ «Inħossni mnikket għall-mewt; ibqgħu hawn u ishru.»

K [35]Mexa kemmxejn 'il quddiem, inxteħet fl-art, u talab li, jekk
jista' jkun titwarrab minnu dik is-siegħa. [36]U qal:

✠ «Abbà, Missier, kollox jista' jkun għalik; biegħed minni dan
il-kalċi! Iżda mhux li rrid jien, imma li trid int.»

K [37]Ġie ħdejhom u sabhom reqdin, u qal lil Pietru:

✠ «Xmun, rieqed? Ma flaħtx tishar siegħa waħda! [38]Ishru u itolbu
biex ma tidħlux fit-tiġrib. L-ispirtu, iva, irid; imma l-ġisem
dgħajjef.»

K [39]U raġa' mar u tenna l-istess talba. [40]Mill-ġdid ġie u għal
darb'oħra sabhom reqdin għax għajnejhom kienu tqal
bin-ngħas; u ma għarfux x'jaqbu jgħidulu. [41]Ġie għat-tielet
darba u qalilhom:

✠ «Torqdu issa u tistrieħu? Biżżejjed. Is-siegħa waslet; araw li Bin
il-bniedem se jkun mogħti f'idejn il-midinbin. [42]Qumu! Ejjew
immorru! Ara, dak li se jittradini hu fil-qrib!»

K [43]Minnufih, kif kien għadu jitkellem, wasal Ġuda, wieħed
mit-Tnax, b'ġemgħa nies miegħu, armati bis-sjuf u l-bsaten,
mibgħuta mill-qassisin il-kbar u mill-kittieba u x-xjuħ. [44]Issa dak
li kien se jittradih kien tahom sinjal minn qabel u qalilhom:

S «Dak li nbusu huwa hu; aqbduh u morru bih mgħasses tajjeb.»

K [45]Malli mbagħad wasal, baqa' sejjer fuqu u qallu:

S «Rabbi.»

K U biesu. [46]Huma meddew idejhom fuqu u qabduh. [47]Imma
wieħed minn dawk ta' madwaru silet is-sejf, ta daqqa bih
lill-qaddej tal-qassis il-kbir u qatagħlu widintu.
[48]Ġesù dar fuqhom u qalilhom:

✠ «Qiskom ħriġtu għal xi ħalliel, armati bis-sjuf u l-bsaten
biex taqbdu lili! [49]Jien kuljum kont inkun fostkom fit-tempju
ngħallem u ma żammejtunix. Imma dan kollu ġara biex isseħħ
l-Iskrittura.»

K [50]Imbagħad id-dixxipli tiegħu kollha telquh u ħarbu. [51]Wieħed
żagħżugħ mar warajh imgeżwer b'liżar biss fuq xejn, u qabduh;
[52]imma hu telqilhom il-liżar f'idejhom u ħarab għeri. [53]Ħadu lil
Ġesù għand il-qassis il-kbir, u nġabru l-qassisin il-kbar kollha
u x-xjuħ u l-kittieba. [54]Pietru kien baqa' miexi warajh
mill-bogħod sa ġol-palazz tal-qassis il-kbir, u qagħad bilqiegħda
mal-qaddejja ħdejn in-nar għas-sħana. [55]Il-qassisin il-kbar u
s-Sinedriju kollu bdew ifittxu xhieda kontra Ġesù biex jagħtuh
il-mewt, u ma sabux. [56]Tassew li kien hemm ħafna li xehdu
bil-qerq kontra tiegħu, imma x-xhieda tagħhom ma kinitx
taqbel. [57]Imbagħad qamu xi wħud jagħtu xhieda qarrieqa
kontra tiegħu u qalu:

S [58]«Aħna smajnieh jgħid, "Jiena nħott dan it-tempju mibni
bl-idejn, u fi tlitt ijiem nibni ieħor li ma jkunx mibni bl-idejn!"»

K [59]Imma x-xhieda tagħhom anqas f'dan ma kienet taqbel.
[60]Imbagħad il-qassis il-kbir qam f'nofs il-ġemgħa u staqsa
lil Ġesù:

S «Xejn ma twieġeb? X'inhuma jixhdu dawn kontra tiegħek?»

K [61]Iżda hu baqa' sieket u ma wieġeb xejn. Mill-ġdid il-qassis
il-kbir staqsieh u qallu:

S «Int il-Messija, Bin l-Imbierek?»

K Ġesù wieġbu:

✠ «Jien hu, u intom għad taraw lil Bin il-bniedem bilqiegħda
n-naħa tal-lemin tal-Qawwa u ġej fuq is-sħab tas-sema.»

K [63]Imbagħad il-qassis il-kbir ċarrat l-ilbies ta' fuqu u qal:

S «Xi ħtieġa għandna iżjed ta' xhieda? [64]Id-dagħwa smajtuha! X'jidhrilkom?»

K U kollha qatgħuhielu li kien ħaqqu l-mewt. [65]Imbagħad xi wħud bdew jobżqulu fuqu, jgħattulu wiċċu, jagħtuh bil-ponn u jgħidulu:

S «Aqta' min!»

K U l-qaddejja bdew jagħtuh bil-ħarta. [66]Waqt li Pietru kien isfel 'il ġewwa mid-daħla tal-palazz, ġiet waħda qaddejja tal-qassis il-kbir. [67]Kif rat lil Pietru qiegħed għas-sħana, waħħlet għajnejha fuqu u qaltlu:

S «Int ukoll kont ma' Ġesù ta' Nazaret.»

K [68]Imma hu ċaħad u qal:

S «Ma nafx, m'iniex nifhem x'inti tgħid.»

K U ħareġ 'il barra fid-daħla tal-palazz. U s-serduk idden.
[69]Il-qaddejja ratu, u reġgħet bdiet tgħid lil dawk li kienu hemm:

S «Dan wieħed minnhom.»

K [70]U mill-ġdid ċaħad. Wara ftit dawk li kienu ħdejh reġgħu qalu lil Pietru:

S «Tassew, int wieħed minnhom; għax int ukoll mill-Galilija.»

K [71]Imbagħad qabad jisħet lilu nnifsu u jaħlef:

S «Jiena ma nafux lil dan il-bniedem li qegħdin issemmu.»

K [72]Minnufih is-serduk idden għat-tieni darba. Pietru ftakar fil-kelma li kien qallu Ġesù: «Qabel ma s-serduk jidden darbtejn, inti tiċħadni tliet darbiet.» U nfexx jibki.

## II

K [15, 1]Filgħodu kmieni l-qassisin il-kbar iltaqgħu malajr max-xjuħ u mal-kittieba u mas-Sinedriju kollu biex jiftiehmu bejniethom. Imbagħad rabtu lil Ġesù, ħaduh u tawh f'idejn Pilatu. [2]Pilatu staqsieh:

S «Inti s-sultan tal-Lhud?»

K U hu wieġeb u qallu:

✠ «Int qiegħed tgħidu.»

K [3]Il-qassisin il-kbar bdew jaqilgħu ħafna akkużi kontra tiegħu. [4]Iżda Pilatu raġa' staqsieh:

S «Ma twieġeb xejn? Ara kemm akkużi qegħdin iġibu kontra tiegħek!»

K [5]Imma Ġesù ma wieġeb xejn iżjed, hekk li Pilatu baqa'
mistagħġeb. [6]F'nhar ta' festa kien jitilqilhom wieħed ħabsi, lil
dak li kienu jitolbu huma. [7]Issa fil-ħabs kien hemm wieħed
jismu Barabba, arrestat flimkien max-xewwiexa li fir-rewwixta
kienu qatlu lil xi ħadd. [8]In-nies telgħu u bdew jitolbuh jagħmel
kif kien jagħmlilhom dejjem. [9]Qabad Pilatu u qalilhom:

S «Tridux nitilqilkom is-sultan tal-Lhud?»

K [10]Għax hu għaraf tajjeb li l-qassisin il-kbar kienu tawh lil Ġesù
f'idejh minħabba l-għira. [11]Iżda l-qassisin il-kbar bdew ixewxu
n-nies li aħjar jitilqilhom lil Barabba. [12]Pilatu raġa' staqsiehom u
qalilhom:

S «U x'nagħmel imbagħad b'dak li intom issejħulu s-sultan tal-Lhud?»

C [13]Iżda huma nfexxew jgħajtu mill-ġdid:

S «Sallbu!»

K [14]Qalilhom Pilatu:

S «Imma x'għamel ħażin?»

K Huma aktar bdew jgħajtu:

S «Sallbu!»

K [15]Pilatu mbagħad, biex jogħġob lin-nies, telqilhom lil Barabba, u
lil Ġesù, wara li tah is-swat, tahulhom biex isallbuh. [16]Is-suldati
ħaduh magħhom ġewwa fil-palazz, jiġifieri l-Pretorju, u sejħu
r-riġment kollu. [17]Libbsuh ilbies aħmar skur, u qegħdulu fuq
rasu kuruna minsuġa mix-xewk. [18]U bdew isellmulu:

S «Is-sliem għalik, sultan tal-Lhud!»

K [19]U qabdu jagħtuh b'qasba fuq rasu, jobżqulu fuqu, u jilwu
rkupptejhom quddiemu biex jagħtuh qima. [20]Imbagħad, wara
li għaddewh biż-żufjett, neżżgħulu l-ilbies aħmar u xeddewlu
ħwejġu.

U ħaduh 'il barra biex isallbuh. [21]Kien għaddej wieħed, Xmun
minn Ċireni, missier Xandru u Rufu, ġej lura mir-raba', u
ġagħluh jerfagħlu s-salib. [22]U wassluh f'post jismu Golgota, li
jfisser post il-Qorriegħa. [23]U tawh jixrob inbid imħallat bil-mirra,
imma hu ma riedx jieħu minnu. [24]Imbagħad sallbuh, u qassmu
ħwejġu bejniethom billi tellgħuhom bix-xorti ħalli kull wieħed
jieħu li jmissu. [25]Kienet it-tielet siegħa xħin sallbuh. [26]Il-kitba li
turi l-ħtija tal-kundanna tiegħu kienet tgħid hekk: «Is-sultan
tal-Lhud.» [27]Miegħu sallbu wkoll żewġ ħallelin, wieħed fuq
il-lemin u l-ieħor fuq ix-xellug. [28]Dawk li kienu għaddejjin bdew
jgħajruh, iċaqilqu rashom u jgħidu:

S [29]«Għajb għalik, int li tħott it-tempju u tfittex terġa' tibnih fi tlitt
ijiem! [30]Inżel minn fuq is-salib u salva lilek innifsek!»

K [31]Hekk ukoll il-qassisin il-kbar bdew jiddieħku bih bejniethom u
mal-kittieba u jgħidu:

S «Salva oħrajn, lilu nnifsu ma jistax isalva! [32]Ħa jinżel issa l-Messija, is-sultan ta' Iżrael, minn fuq is-salib biex aħna naraw u nemmnu!»

K U dawk li kienu msallbin miegħu bdew imaqdruh huma wkoll. [33]Xħin saret is-sitt siegħa waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu sad-disa' siegħa. [34]U fid-disa' siegħa Ġesù għajjat b'leħen qawwi:

✠ «Eloì, Eloì, lemà sabaqtàni!»

K li jfisser:

✠ «Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni!»

K [35]Xi wħud minn dawk li kienu hemm, kif semgħuh, qalu:

S «Ara, qiegħed isejjaħ lil Elija!»

K [36]U mar wieħed jiġri jxappap sponża bl-inbid qares, waħħalha f'tarf ta' qasba u tah jixrob filwaqt li qal:

S «Stennew, ħa naraw jiġix Elija jniżżlu!»

K [37]Imma Ġesù għajjat għajta kbira u radd ruħu.

*Hawnhekk kulħadd jinżel għarkopptejh*
*u jinżamm is-skiet għal ftit ħin.*

K [38]U l-purtiera tas-santwarju ċċarrtet fi tnejn minn fuq s'isfel. [39]Iċ-ċenturjun li kien wieqaf biswitu, meta rah jgħajjat u jmut hekk, qal:

S «Dan il-bniedem kien tassew Bin Alla!»

## III

K [40]Kien hemm ukoll xi nisa jħarsu mill-bogħod, fosthom Marija
ta' Magdala, Marija omm Ġakbu ż-żgħir u Ġosè, u Salomi;
[41]dawn, meta Ġesù kien fil-Galilija, kienu jmorru miegħu
u jaqduh. U kien hemm ukoll bosta oħrajn li kienu telgħu
Ġerusalemm miegħu.

[42]Kien ġa sar filgħaxija, u billi kien Jum it-Tħejjija, jiġifieri lejlet
is-Sibt, [43]Ġużeppi minn Arimatija, membru magħruf tal-Kunsill,
li hu wkoll kien jistenna s-Saltna ta' Alla, għamel il-ħila, daħal
quddiem Pilatu u talbu l-ġisem ta' Ġesù. [44]Pilatu stagħġeb li kien
ġa miet; bagħat għaċ-ċenturjun u staqsieh jekk kienx ilu li miet.
[45]Meta mbagħad sar jaf mingħand iċ-ċenturjun, ta l-ġisem ta'
Ġesù lil Ġużeppi, [46]u dan xtara liżar tal-għażel, niżżel lil Ġesù
mis-salib, keffnu fil-liżar u qiegħdu f'qabar imħaffer fil-blat;
imbagħad gerbeb ġebla fid-daħla tal-qabar. [47]Marija ta' Magdala
u Marija omm Ġosè qagħdu jaraw fejn tqiegħed.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

# Ħamis ix-Xirka

**Il-Quddiesa tal-Griżma**

## Qari I

***Il-Mulej ikkonsagrani b'żejt ta' ferħ.***

Is 61, 1-3a.6a.8b.9

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**

1 L-Ispirtu ta' Sidi l-Mulej fuqi,
għax il-Mulej ikkonsagrani,
biex inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin,
bagħatni ndewwi l-qalb miksura;
biex inħabbar il-ħelsien lill-imjassrin,
u lill-ħabsin il-ftuħ tal-ħabs;
2 biex inniedi s-sena tal-grazzja tal-Mulej,
u jum il-vendetta ta' Alla tagħna;
biex infarraġ lill-imnikktin;
3 biex inferraħ lil dawk li jibku f'Sijon,
nagħtihom kuruna flok irmied,
żejt tal-ferħ flok l-ilbies tal-vistu,
l-għana tal-foħrija flok ruħ mitluqa.
6 Lilkom isejħulkom il-qassisin tal-Mulej,
qaddejja ta' Alla tagħna isemmukom.

8 Jien bis-sewwa nħallashom,
u nagħmel magħhom patt għal dejjem.
9 Nisilhom ikun magħruf fost il-ġnus,
u wliedhom qalb il-popli.
Kull min jarahom jagħrafhom
li huma nisel imbierek mill-Mulej.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 88 (89), 21-22.25.27

R/. (2a): It-tjieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni

21 Sibt lil David, qaddej tiegħi,
biż-żejt imqaddes tiegħi dliktu;
22 tkun idi dejjem miegħu,
u nsaħħu wkoll bi driegħi. R/.

25 Miegħu jkunu l-fedeltà u t-tjieba tiegħi;
b'ismi tissaħħaħ il-qawwa tiegħu.
27 Hu jsejjaħli: «Int missieri u Alla tiegħi,
fortizza u salvazzjoni tiegħi!» R/.

## Qari II

*Kristu għamilna saltna, qassisin għal Alla tiegħu u Missieru.*

Apok 1, 5-8

**Qari mill-Ktieb ta' l-Apokalissi ta' San Ġwann Appostlu**

Grazzja lilkom u sliem 5 mingħand Ġesù Kristu, ix-xhud fidil, il-kbir
fost il-mejtin, il-prinċep tas-slaten tad-dinja. Lil Dak li ħabbna, u li
ħallna minn dnubietna, bis-saħħa ta' demmu, 6 u li għamilna saltna,
qassisin għal Alla tiegħu u Missieru, lilu l-glorja u s-setgħa għal
dejjem ta' dejjem. Ammen.

7 Arawh ġej fis-sħab u l-għajnejn kollha jarawh,
ukoll dawk li kienu nifduh; u r-razez kollha ta' l-art jibdew iħabbtu
fuq sidirhom minħabba fih. Iva. Ammen!

8 Jiena huwa l-Alfa u l-Omega, jgħid il-Mulej Alla, li hu, u li kien, u li
għad irid jiġi, Dak li jista' kollox.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Is 61, 1

Glorja u tifħir lilek, Kristu!
L-Ispirtu tal-Mulej fuqi,
bagħatni nwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin.
R/. Glorja u tifħir lilek, Kristu!

# Evanġelju

***L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għax hu kkonsagrani.***

Lq 4, 16-21

✠ **Qari mill-Evanġelju skont San Luqa**

F'dak iż-żmien, [16]Ġesù ġie f'Nazaret, fejn kien trabba. Daħal
fis-sinagoga tagħhom, kif kien imdorri jagħmel nhar ta' Sibt, u qam
biex jaqra. [17]Tawh f'idejh il-ktieb ta' Isaija l-profeta, fetħu u sab fejn
kien hemm miktub dan li ġej:

[18]«L-Ispirtu tal-Mulej fuqi,
għax hu kkonsagrani.
Bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin,
inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin,
u d-dawl mill-ġdid lill-għomja,
irrodd il-ħelsien lill-maħqurin
[19]u nxandar is-sena tal-grazzja tal-Mulej.»

[20]Imbagħad raġa' għalaq il-ktieb, tah lura lill-qaddej u qagħad
bilqiegħda. Għajnejn kulħadd fis-sinagoga kienu msammra fuqu.
[21]U beda jgħidilhom: «Din il-kitba seħħet illum, intom u tisimgħu.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu